



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 6 ta' Mejju 2014 (13.05)
(OR. en)**

8509/14

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0901B (COD)**

**CODEC 996
COUR 16
INST 197
PE 238**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Anness I tiegħu - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-14 sas-17 ta' April 2014)

I. INTRODUIZZJONI

Fit-12 ta' Diċembru 2013, il-Parlament adotta emenda waħda għall-proposta għal Regolament, iżda ma adottax r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu, biex b'hekk ma għalaqx l-ewwel qari u ħalla l-possibbiltà li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari¹. Il-kwistjoni ġiet riferuta lura lill-Kumitat skont ir-Regola 57(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

Madankollu, ma ntlaħaq l-ebda ftehim ta' dan ix-xorta u l-Parlament iddeċieda li jipproċedi għall-vot dwar ir-risoluzzjoni leġislattiva, biex b'hekk jagħlaq l-ewwel qari tiegħu.

¹ Ara d-dok. 17499/13.

II. DIBATTITU

Ma sar l-ebda dibattitu.

III. VOT

Meta vvotat fil-15 ta' April 2014, il-plenarja adottat ir-risoluzzjoni leġislattiva, u b'hekk ikkonkludiet l-ewwel qari tal-Parlament. Ir-risoluzzjoni leġislattiva u l-emenda adottata fit-12 ta' Diċembru 2013 jikkostitwixxu l-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew.

Ir-risoluzzjoni leġislattiva tinsab inniżżla fl-Anness.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: in-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi jżid in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali (02074/2011 – C7-0126/2012 – 2011/0901B(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentata lill-Parlament u lill-Kunsill (02074/2011),
 - wara li kkunsidra l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 254 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skont it-termini tagħhom ġie ppreżentat l-abbozz tal-att lill-Parlament (C7-0126/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u (15) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2011) 0596),
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2012,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2012,
 - wara li kkunsidra l-paragrafi 2 u 3 tar-Riżoluzzjoni Leġislattiva tiegħu tal-5 ta' Lulju 2012 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Anness I tiegħu¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0252/2013),
1. Jadotta bħalha l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari t-testi adottati fit-12 ta' Diċembru 2013²;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 349 E, 29.11.2013, p. 555.

² Testi adottati, P7_TA(2013)0581.